*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 38

L-Erbgha 9 ta' Frar 2022

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier

SKUZATI:
Neil Portelli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

JAG

EV

| | |
|---|---|
| **38.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 38.1.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li s-Sur Neil Portelli, s-Sa Anabelle Marmara u s-Sur Ismael Dalli talbu li jigu skuzati ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kellhomx kontroll fuqha. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f `dan ir-rigward. |
| **38.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 38.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 37, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 38.2.2 | Is- s-Sur Thomas Debattista ppropona u s-Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 37, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **38.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 38.3.1 | Is-Sindku prezenta r-rapport ta` hidma tax-xoghol li sar barra fil-lokalita` mit-13 ta` Jannar sad-9 ta Frar 2022. Is-Sindku spjega li dan ir-rapport se jibda jinaghta lill-Kunsilliera kull laqgha. |
| 38.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ltaqgha mal-persuna responsabbli mill- WIFI4EU, fejn gie nfurmat li jekk il-WIFI jigi nstallat ghand terzi l-Kunsill irid ihallas id-dawl. Is-Sindku spjega li dan mhux possibli u nforma lill-Kunsilliera li persuna responnsabbli se tiddiskuti mall-Heritage Malta u talaba ma ddahhalx lill-Kunsill Lokali. |
| 38.3.3 | Is-Sindku staqsa lis-Sur Christian Pace jekk kellimx lill-ahwa li kellhom itellghu l-wirja tal-Gimgha l-kbira d-Dar tal-Kejka. Is-Sur Christian Pace wiegeb li se jkellimom il-Gimgha d-diehla u f`Marzu jinforma lill-Kunsill. |
| 38.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li z-zewg *pageants* tal-Gimgha l-Kbira mhux se jinzammu minhabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija. |
| 38.3.5 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk ghandhomx f`mohhom li jorganizzaw xi attivita` ghall-zmien il-Karnival. Il-Kunsilliera nfurmaw lis-Sindku li ma ghandhom xejn pjanat. |



JAG

| | |
|---|---|
| **38.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 38.4.1 | Is-Sur Christian Pace staqsa, "Triq Simmons kienet thaffret trinka biex gie mghoddi cable tal-Enemalta, izda baqghat ma' nqalatx bhat-toroq l'ohra fejn sar dan il-cabel. Hemm xi data ta' meta din it-triq ser isir bhall-ohrajn"?<br><br>Is-Sindku wiegeb li Infrastructure Malta qabdet lill-Kuntrattur Polidano sabiex jaghmel Triq Simmons, u dan ix-xoghol u se jitkompla wara li l-istess kuntrattur ilesti d-dahla tal-mina ta` Bormla. |
| 38.4.2 | Is-Sur Christian Pace staqsa, "Nixtieq nistaqsi, meta ser terga tinqala parti min Triq il-Palma li fiha sar xoghol mhux ta' kwalita"?<br><br>Is-Sindku wiegeb li Infrastructure Malta qabdet lill-Kuntrattur Polidano sabiex jaghmel Triq il- Palma, u dan ix-xoghol u se jitkompla wara li l-istess kuntrattur ilesti d-dahla tal-mina ta` Bormla. |
| **38.5** | **Rapporti** |
| 38.5.1 | Is-Sindku prezenta l- *Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Ezekuttiv u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, l-*Performance Bonus Appraisal* gie approvat u s-Segretarju Ezekuttiv inaghta il-*Bonus* komplut. |
| 38.5.2 | Is-Sindku prezenta il-*Quarterly Financial Report* ghall-perjodu l-1 ta` Jannar sal-ahhar ta` Dicembru 2021, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-*Quarterly Financial Report* gie approvat. |
| 38.5.3 | Is-Sindku prezenta l-*Unaudited Financial Statements* ghas-sena 2021, ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-*Unaudited Financial Statements* ghas-sena 2021, gew approvati. |
| 38.5.4 | Is-Sur Christian Pace talab lis-Sindku jekk jistghax jifthiem mal-ghaqdiet tal-lokalita` u jaghmel ktejjeb bl-attivitajiet taghhom sabiex jintbghatu f`kull residenza tal-lokalita`. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. Is-Sindku nforma lis-s-Sur Christian Pace sabiex jiehu hsieb il-process. |
| 38.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-ewwel *survey* tal-van li sar fil-lokalita`, huwa lest u l-persentagg kien ta` 53.8% favur u 34.3% kontra. Is-Sindku qal li r-rizultat huwa wiehed pjuttost pozittiv. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti s-survey gie approvat. |



EV JAG

| | |
|---|---|
| **38.6** | **Mozzjonijiet** |
| 38.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **38.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 38.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-Ħamis 27 ta`Jannar 2022 sar l-*opening* tat-*Tender* tal-Van tal-Elettriku u nhar il-Ħamis 3 ta` Frar2020 saret l-evalwazzjoni. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kien hemm *bidder* wiehed biss u se jinaghta l-kuntratt ghax kellu kollox korrett, skond ma li talab il-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-istess *bidder* offra zewg tipi ta Vannijiet li huma Peugeot u Citroen, pero l-Kunsill mexa fuq l-irhas li hu il- Peugeot.Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawn huma r-regolamenti tal-*procurement*. |
| **38.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 38.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 32/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Jannar/ Frar 2022 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali |
| 38.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sa Darlene Vella Zammit ssekondata mis-Sur Christian Pace l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **38.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 38.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-18.20p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar il- Ħamis 10 ta' Marzu 2022 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 9 ta' Frar 2022.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*